# GWIDA GĦAS-SUĊĊESS:
# PRIREKWIŻITI




## Noti importanti dwar ir-rotot lejn suċċess artistiċi ta' kwalità għolja ġewwa l-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva

# NOTI PRELIMINARI

Dan id-dokument huwa maqsum f'seba' partijiet, li huma:

**L-EWWEL PARTI**: Il-Ħames Forom tal-Arti pġ. 4

**IT-TIENI PARTI**: Il-proċess tal-għażla għad-dħul fl-iskola tagħna pġ. 23

**IT-TIELET PARTI**: Ir-rekwiżiti tad-dħul għal kull forma t'Arti pġ. 27

**IR-RABA' PARTI:** Regolamenti tal-għażla u għal min hu eliġibbli pġ. 34

**IL-ĦAMES PARTI:** L-att dwar il-protezzjoni tad-data pġ. 36

**IS-SITT PARTI**: Noti ġenerali dwar is-suġġetti fl-iskola pġ. 38

**IS-SEBA' PARTI:** Tagħrif ieħor pġ 41

**Aqra dawn in-noti sew u bil-galbu:**

*Dawn in-noti jagħtu gwida, indikazzjonijiet u suġġerimenti siewja dwar il-mixja ta' suċċess li l-istudenti jistgħu jieħdu għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva.*

*Ġenituri/Gwardjani Legali li qegħdin japplikaw f'isem il-wild taħt il-ħarsien tagħhom, jeħtieġu jagħtu konferma li qraw u fehmu l-ħtiġijiet u t-talbiet li dan id-dokument jagħmel, kif mitlub minnhom fl-applikazzjoni.*

## IL-VIŻJONI TAGĦNA

Li tkun skola sekondarja effettiva u  meqjusa bħala waħda tajba ħafna li teċċella fit-trawwim tal-potenzjal akkademiku, soċjali u kreattiv tal-istudenti, filwaqt li tħeġġeġ fihom is-sehem artistiku u kulturali li huma kapaċi joffru.

## IL-MISSJONI TAGĦNA

L-iskola tagħna tistinka biex topera bħala komunità ta' studenti, ġenituri u għalliema b'kultura differenti, li lkoll huma ddedikati li joħolqu ambjent ta' tagħlim ibbażat fuq ir-rispett, il-fiduċja u l-kollaborazzjoni.  L-istudenti kollha jingħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex jiżviluppaw b'mod sħiħ il-ħila li jrawmu ħsieb kritiku, emozzjonali u intelletwali filwaqt li jkunilhom ta' ispirazzjoni dejjiema għall-futur.

# L-Ewwel Parti:
# Il-Ħames Forom tal-Arti

## Programmi ta’ Studju (Is-Seba’ sena – Il-Ħdax-il Sena) għall-
## Ħames Forom tal-Arti

# ARTI



# Tagħlim propost f'dawn l-oqsma:

- DEHRA ESTETIKA
- ELEMENTI TAL-PERĊEZZJONI
- PROFIĊJENZA/ĦILA TEKNIKA
- ŻVILUPP PERSONALI U SOĊJALI
- PERSPETTIVA STORIKA

## DEHRA ESTETIKA:

Permezz tal-Arti Viżwali, l-istudenti jifhmu u jużaw il-lingwa tal-estetika, li hija sabiħa, artistika u magħġuna b'element poetiku ta' narrazzjoni fil-biċċiet tal-arti. Dan jgħinhom biex jifhmu n-natura u l-funzjoni ta' din il-forma t'arti. B'hekk, ikunu kapaċi jifhmu u japprezzaw xogħolhom aħjar, kif ukoll dak tal-oħrajn, fi ħdan il-kuntest tal-ambjent u l-kultura li jgħixu fiha.

## ELEMENTI TAL-PERĊEZZJONI:

L-istudenti se jkunu preżentati bil-prospett li jrawmu l-ħiliet ta' perċezzjoni li huma bżonjużi biex jifhmu u jirrispondu għall-Arti u għall-forom tad-Disinn. Huma jitgħallmu jirrispondu għall-ambjent viżwali permezz ta' esperjenzi li jinvolvu s-sensi.

## PROFIĊJENZA/ĦILA TEKNIKA:

L-istudenti jitgħallmu jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet meħtieġa biex jużaw għodod differenti ħalli jkunu jistgħu jaħdmu b'materjal differenti fil-ħolqien ta' biċċiet t'arti f'midja differenti.

## ŻVILUPP PERSONALI U SOĊJALI:

Il-livell tat-tagħlim fl-istudenti jisseddaq peress li s-suġġett jisfida 'l-ħiliet tagħhom biex jimirħu, jaħsbu, jiddeċiedu, joħolqu u jsolvu sfidi u problemi bħala parti mill-proċess tat-tagħlim. Huma jibdew jaraw ċar il-mod kif iqisu d-dinja li jgħixu fiha, filwaqt li jirrispondu għat-talbiet tagħha.

## PERSPETTIVA STORIKA:

Dak kollu li hu maħluq mill-bniedem jipproponi kwalitajiet viżwali speċifiċi għall-post u għaż-żmien li joħroġ minnhom. Dan l-istudju jagħti tifsira storika tal-oriġini ta' biċċiet tal-Arti minn kulturi dinjin speċifiċi, jistaqsi dwar l-oriġini tagħhom, min għamilhom, il-midja użata, il-funzjoni ta' pitturi u oġġetti, kif intlaqgħu u l-istorja tagħhom.

# DRAMA



## Tagħlim propost f'dawn l-oqsma:

- KARATTERIZZAZZJONI
- ESPRESSJONI
- STORJA
- ANALIŻI
- REĊTAR
- ĦOLQIEN TA' TEATRU FLIMKIEN

## KARATTERIZZAZZJONI:

L-istudenti jitgħallmu jagħrfu, jinvestigaw u 'joħolqu karattri'. Mill-kitba tal-bidu (*script*) sal-wirja aħħarija jew il-prestazzjoni (*performance*) u wara, jitgħallmu jagħmlu analiżi ta' karattri li jafu biex jaslu joħolqu u jibnu oħrajn, jagħtuhom il-ħajja, permezz tal-ħsieb, tal-kliem, tad-dehriet, kif ukoll tal-azzjoni.

## ESPRESSJONI:

Il-lingwaġġ tal-ġisem u l-vuċi huma għodda essenzjali għall-atturi. Bihom, l-istudenti jitħarrġu kif jinterpretaw karattru, jgħaddu messaġġ u joħorġu emozzjoni. Huma jiflu modi ta' espressjoni verbali u mhux verbali, mill-mima sal-kor Grieg sat-Teatru Mużikali. Fih, l-istudenti jitħarrġu mhux biss fil-kant, imma wkoll fl-interpretazzjoni. B'dan il-mod, huma jkunu qegħdin isaħħu l-iżvilupp tal-karattru.

## STORJA:

L-istudenti jagħmlu tiftix biex isibu kif inbniet it-tradizzjoni storika tat-teatru matul iż-żmien. Huma jinvestigaw kif ħtiġijiet soċjali, reliġjużi, ekonomiċi, kif ukoll gwerer biddlu ħafna riti ċerimonjali u ċelebrazzjonijiet f'avvenimenti kulturali. Jiskopru kif twieldu stili u ġeneri tat-Teatru u jiġu murija kif ifissru u jqabblu karattri u sitwazzjonijiet universali storiċi.

## ANALIŻI:

L-istudenti jitgħallmu jsawru l-ħila analitika tagħhom biex jevalwaw wirjiet teatrali differenti; wara jużaw din l-analiżi sabiex joħorġu b'xi ideat ġodda. Jitgħallmu jirriflettu fuq l-użu tal-lingwa, l-istruttura tad-djalogu, kemm il-karattri jinżlu fil-fond, u jekk jeżistux possibiltajiet biex jissuġġerixxu tmiem differenti għal stejjer magħrufin. Jitgħallmu wkoll kif jużaw id-diskrezzjoni fil-kritika tagħhom.

## REĊTAR:

L-istudenti jesploraw it-teknika tar-reċtar permezz tal-attivitajiet teatrali, il-kisba tat-tagħrif permezz tar-riċerka, kif ukoll prattika fl-improvvizazzjoni b'moviment fuq il-palk. Dan jesplorawh individwalment kif ukoll fi gruppi. Permezz tat-teatru modern, tat-teatru tat-tfal, ta' dak klassiku u mill-farsa, mill-kummiedja u mit-traġedja, jitħarrġu f'teknika mħallta għal reċtar fuq il-palk, għal quddiem il-kamera, kif ukoll għar-radju.

# ĦOLQIEN TA' TEATRU FLIMKIEN:

L-istudenti jitgħallmu jaħdmu flimkien. Joħolqu kitba u jsibu metodi kif jipproduċu u jidderieġu reċti flimkien u kif jirreklamawhom. Jagħrfu stili teatrali u kif influwenzi differenti jaħdmu fuq għażliet artistiċi. Jitħarrġu fix-xogħol ta' wara l-kwinti fil-bini ta' sett, fil-kostum u fil-props, fil-ħoss u fid-dawl billi jħażżu pjanti sempliċi u skemi ta' produzzjoni.

# MIDJA



# Tagħlim propost f'dawn l-oqsma:

- FOTOGRAFIJA
- VIDJOGRAFIJA
- DISINN GRAFIKU
- DISINN U ŻVILUPP TAL-WEB
- AWDJO U RADJU
- LITTERIŻMU U ETIKA FIL-MIDJA

## FOTOGRAFIJA:

Dan il-kors se jintroduċi lill-istudenti għall-arti tal-fotografija u l-ħiliet tekniċi kollha li huma assoċjati magħha. L-istudenti se jiġu introdotti għat-tekniki tad-dawl, l-immaniġġjar ta' kamera u stili differenti, kif ukoll tekniki fotografiċi. B'hekk l-istudenti se jiġu introdotti wkoll għad-dinja tal-irtokkjar u l-manipulazzjoni tar-ritratti biex ikunu kapaċi jippreżentaw xogħolhom b'mod professjonali għall-aħħar.

## VIDJOGRAFIJA:

Din is-sezzjoni tiffoka fuq l-immaniġġjar effiċjenti ta' kamera tal-vidjo kif ukoll fuq *framing techniques*, l-ippjanar ta' vidjo, bħal *storyboarding*, skriptjar, *shotlist*, *filming* u editjar. L-istudenti se jkunu kapaċi jifhmu l-proċess tal-produzzjoni ta' programmi televiżivi, films u xandir dirett. Se jkunu qegħdin jiddiskutu u janalizzaw l-effetti speċjali u l-grafika tal-moviment.

## DISINN GRAFIKU:

Din it-taqsima tesplora l-elementi bażiċi tad-disinn grafiku li jinkludu r-regoli viżwali u dawk tal-kompożizzjoni, kif ukoll it-tipografija. Din is-sezzjoni tgħaqqad dawn l-elementi flimkien mal-proċessi tal-produzzjoni tal-istampar li l-istudenti huma diġà familjari magħhom. Se jitgħallmu l-prinċipji bażiċi biex ikunu kapaċi jiddisinjaw posters u materjal promozzjonali, kif ukoll jitgħallmu jużaw tqassim tipografiku.

## DISINN U ŻVILUPP TAL-WEB:

Din hija introduzzjoni għad-disinn tal-web, li titratta l-ħiliet meħtieġa għall-ħolqien u l-użu tal-blogs, kif ukoll l-użu tal-midja soċjali bħala pjattaforma biex tippromwovi x-xogħol kreattiv. Il-ħiliet bażiċi għall-iżvilupp tal-web se jiġu mgħallma wkoll.

## AWDJO U RADJU:

Dan it-topik se jintroduċi lill-istudenti għall-qasam tar-reġistrazzjoni u l-manipulazzjoni tal-awdjo. Fl-istess waqt se jippreparahom biex ikunu kapaċi jużaw l-awdjo b'mod kompetenti fil-produzzjoni tal-vidjo. Se jiġu diskussi numru ta' industriji professjonali li huma relatati mal-produzzjoni tal-awdjo.

## LITTERIŻMU U ETIKA FIL-MIDJA:

Din is-sezzjoni se tgħallem lill-istudenti kif jinterpretaw sew il-midja li huma esposti għaliha u b'hekk isservi bħala mezz kif jistgħu jipproduċuha huma stess. Għaldaqstant jimtlew b'valuri li jgħinuhom jiżviluppaw il-kreattività tagħhom b'mod responsabbli, jikkritikaw u jevalwaw l-informazzjoni *online* u b'hekk jevitaw milli jagħtu informazzjoni ħażina li tista' tikkawża l-ħsara fuq il-midja.

# MUŻIKA



## Tagħlim propost f'dawn l-oqsma:

- PRESTAZZJONI – L-ISTUDJU DWAR L-GĦAŻLA TAL-ISTRUMENT, *ENSEMBLE* U KOR
- TEORIJA TAL-MUŻIKA
- STORJA, SMIGĦ U VALUTAZZJONI TAL-MUŻIKA
- ĦILIET BĦALA MUŻIĊIST, QARI FIL-PRONT TAL-MUŻIKA U SOLFEĠĠ
- KOMPOŻIZZJONI U LITTERIŻMU DIĠITALI
- PROĠETTI U KUNĊERTI KREATTIVI U GĦADDEJJIN

## STRUMENTI PROPOSTI:

- Pjanu
- Vjolin
- Vjola
- Ċello
- Kitarra Klassika
- Kurnu
- Flawt
- Klarinett
- Perkussjoni
- Vuċi Klassika u Mużika Teatrali

## PRESTAZZJONI:

Kull student/a j/tiġi offrut/a lezzjoni doppja fil-ġimgħa fuq bażi individwali fuq l-istrument tal-għażla tiegħu/tagħha. L-istudenti kollha tal-iskola jistudjaw fi gruppi differenti f'forma ta' *ensemble*, minn gruppi żgħar sa oħrajn akbar, kif ukoll fi gruppi oħra varjati f'lezzjonijiet skedati għal kull ġimgħa. Studenti tas-Seba' u t-Tmien Sena jistudjaw teknika bażika vokali u dik f'kor.

## TEORIJA TAL-MUŻIKA:

L-istudenti jistudjaw kunċetti teoretiċi mużikali biex jifhmu aħjar il-kunċetti bażiċi tal-mużika.

## STORJA, SMIGĦ U VALUTAZZJONI TAL-MUŻIKA:

L-istudenti jesploraw il-mużika minn perjodi differenti fl-istorja tal-mużika. Huma jisimgħu u jistudjaw dwar l-iżvilupp ta' stili mużikali ta' mużika strumentali kif ukoll vokali, filwaqt li jiffokaw ukoll fuq xi xogħlijiet ta' kompożituri ewlenin.

## ĦILIET BĦALA MUŻIĊISTI, QARI FIL-PRONT TAL-MUŻIKA U SOLFEĠĠ:

L-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet interni tas-smigħ, ħiliet fil-qari tal-mużika u l-mużikalità b'mod ġenerali biex ikollhom fehma aħjar tal-mużika li qegħdin idoqqu u jwettqu fl-istess ħin.

## KOMPOŻIZZJONI U LITTERIŻMU DIĠITALI:

Dan il-kors huwa intenzjonat biex jistimula l-immaġinazzjoni tal-istudenti u jsaħħaħ il-kapaċitajiet inventivi tagħhom. B'hekk huma jakkwistaw għarfien u ħiliet biex jużaw ideat li jkollhom waqt sessjonijiet ta' improvizzazzjoni sabiex ikunu kapaċi joħolqu l-mużika oriġinali tagħhom stess.

L-istudenti jużaw teknoloġija differenti u programmi tal-mużika fuq il-kompjuter biex jesploraw ħsejjes tekniċi ta' kompożizzjoni.

## PROĠETTI U KUNĊERTI KREATTIVI U GĦADDEJJIN:

Peress li l-iskola tagħna hija waħda dinamika, l-istudenti jiġu mistiedna biex jipparteċipaw regolarment fi proġetti u kunċerti kreattivi.  Dan kollu jgħinhom jiżviluppaw il-kreattività, il-motivazzjoni, l-etikett ta' prestazzjoni tagħhom kif ukoll il-kunfidenza fihom infushom.  Ma jonqosx ukoll li jiżviluppaw il-ħiliet artistiċi u dawk ta' intraprenditorja.

# ŻFIN



# Tagħlim propost f'dawn l-oqsma:

- BALLET
- TEKNIKA MODERNA
- ŻFIN MODULARI
- TEORIJA

## BALLET:

Dan il-kors hu maħsub biex l-istudenti jieħdu għarfien tal-ħtiġijiet tekniċi tal-ballet klassiku u jifhmu sew l-isfidi li joffri. Il-kors isaħħaħ l-iżvilupp artistiku u tekniku fl-istudenti b'tagħlim qawwi f'dan il-ġeneru ta' żfin.

## TEKNIKA MODERNA:

Dan il-kors jifli stili ewlenin kontemporanji fosthom Limon, Graham, Cunningham u ġeneri moderni oħrajn. Jeżamina wkoll stili tekniċi oħrajn li jipprovdu żvilupp ġenerali fl-istudent żeffien.

## ŻFIN MODULARI: (Spanjol, Tap, Street, Teatru Mużikali, Jazz):

Il-korsijiet modulari jipprovdu taħriġ speċifiku, b'għarfien artistiku u tekniku wiesa', f'kull ġeneru msemmi. Kull kors jinvestiga karatteristiċi bażiċi biex l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu għarfien akbar u aħjar f'kull qasam taż-żfin u jifhmuh tajjeb.

## TEORIJA:

Dan hu kors li jissuġġerixxi skemi bażiċi u sempliċi kif l-istudenti jifhmu kull qafas teoretiku u relatat maż-żfin. L-oqsma ewlenin huma: Analiżi fit-Teknika, l-Anatomija tal-Ġisem, Kritika u Evalwazzjoni, L-Istorja taż-Żfin, u modi tekniċi ta' Korjografija.

# It-Tieni Parti:

# IL-PROĊESS TAL-GĦAŻLA GĦAD-DĦUL FL-ISKOLA TAGĦNA

Il-mod li bih l-applikanti se jiġu assessjati u wara magħżulin

*Sommarju tas-sistema ta' selezzjoni taż-żewġ oqsma maqsumin fi 3 stadji.*

**L-EWWEL STADJU:** 1el Parti: FORMA TA' ARTI 90 marka

2ni Parti: PERSONALITÀ 10 marki

**IT-TIENI STADJU:** 3et Parti**:** RIŻULTATI ANNWALI 30%

Tal-marka GLOBALI

## L-EWWEL STADJU: L-1$^{el}$ PARTI – FORMA TA' ARTI: *(90 Marka)*

**DRAMA, MUŻIKA, ŻFIN:**

REFERENZA: ċertifikati u ittri ta' rakkomandazzjoni mingħand entitajiet rikonoxxuti fejn il-Bord għandu kull dritt li jivverifikahom.

AWDIZZJONI: issir prestazzjoni qasira sabiex tiġi eżaminata l-ħila artistika tal-applikant/a.

**ARTI:**

PORTAFOLL: Ġabra ta' GĦAXAR (10) xogħlijiet artistiċi, li jirrappreżentaw il-ħiliet u l-kisbiet tal-istudent/a. Dawn għandhom jinħadmu fuq perjodu ta' żmien taħt il-gwida ta' għalliem/a tal-Arti. Barra minn hekk, dawn tal-aħħar għandhom jiddikjaraw li l-għaxar xogħlijiet artistiċi huma xogħlijiet awtentiċi u esklussivi tal-istudent/a; il-Bord għandu kull dritt jivverifikahom.

PRATTIKA: sessjoni ta' sagħtejn fejn l-istudenti jiġu mitluba jpinġu jew joħolqu xogħol artistiku mill-bidu sal-aħħar.

**MIDJA:**

INTERVISTA: Hawnhekk l-istudenti jiġu mistoqsijin xi domandi fejn fihom iridu juru li għandhom interess fis-suġġett tal-midja u li għandhom għarfien fih. Jistgħu jippreżentaw xi xogħol li huma stess ikunu ħolqu.

## L-EWWEL STADJU: IT-2$^{ni}$ PARTI – FORMA TA' ARTI: *(10 Marki)*

**Dispożizzjoni:**

KONSULTA FORMALI: Isiru domandi biex jiġu evalwati l-karatteristiċi tal-personalità tal-istudenti, kif ukoll l-interess ġenwin fl-arti magħżula. Din l-intervista sseħħ fil-preżenza ta' ġenitur jew gwardjan legali wieħed.

**NOTA: L-Ewwel Stadju- l-1$^{el}$ and t-2$^{ni}$ parti:**

- *L-ewwel u t-tieni parti tal-ewwel stadju huma kkunsidrati bħala wieħed.*
- *Il-marki taż-żewġ partijiet jiġu magħduda flimkien u wara ssir klassifikazzjoni proviżorja.*

## IT-TIENI STADJU: IT-3$^{et}$ PARTI – LIVELL AKKADEMIKU: *30% tal-marka globali.*

**RIŻULTAT TAL-EŻAMIJIET ANNWALI TAS-SITT SENA**

SETT TA' STANDARDS: Il-metodu tal-klassifika li jintuża biex tiġi stabbilita l-prestazzjoni fil-Malti, fl-Ingliż u fil-Matematika fl-aħħar tas-Sitt Sena.

**Nota: It-Tieni Stadju: it-3$^{et}$parti:**

- *Il-proċess jibda minn min ikun ġie l-ewwel fil-klassifika proviżorja u jibqa' sejjer sal-aħħar student/a.*
- *Ladarba l-istudenti jkunu ġabu 30% jew aktar fir-riżultati Annwali tas-sitt sena, l-ewwel* ***GĦAXRA (10)*** *fl-Arti, fiż-Żfin, fid-Drama u fil-Mużika u l-ewwel* ***TMIENJA (8)*** *fil-Midja jintgħażlu biex jidħlu fl-iskola tagħna. (L-oħrajn ikunu fil-lista tar-Riserva, skont l-ordni li jkunu ġew fiha.)*

# IT-TIELET PARTI:

# IR-REKWIŻITI TAD-DĦUL GĦAL KULL FORMA T'ARTI

## Proċedura għall-għażla tal-**ARTI**.

*L-Arti Viżwali teħtieġ Prova ta' Livell li trid tkun ċara u ġenwina. L-istudenti li jagħżlu din il-forma t'Arti jridu jipprovdu evidenza li huma għandhom il-livell meħtieġ, liema evidenza tiġi mingħand l-għalliema tal-Arti tagħhom li turi li x-xogħol fil-portafoll ippreżentat ikun inħadem fil-klassi matul l-aħħar sena skolastika, kif jidher fi tmiem dan id-dokument. Studenti li jagħtu din il-Prova ta' Livell ikunu premjati.*

**PORTAFOLL**:

L-istudenti għandhom jippreżentaw ġabra ta' GĦAXAR (10) xogħlijiet artistiċi li juru varjetà ta' materjal, tekniki u suġġetti tal-għażla tagħhom. Dawn jistgħu jkunu ġabra ta' xogħlijiet 2D jew 3D. L-istudenti jridu jkunu kapaċi li jitkellmu dwar il-proċess ta' kif ħadmu kwalunkwe biċċa xogħol tal-arti fil-portafoll tagħhom, kif ukoll l-iskop jew il-ħsieb dwarha. Kull xogħol artistiku jrid ikun iffirmat fuq wara mill-għalliem/a tal-Arti bħala prova li kull xogħol huwa awtentiku u magħmul mill-istudent/a. Xogħlijiet li jkunu magħmulin minn ħaddieħor ma jiġux ikkonsidrati. Barra minn hekk, kull xogħol li juri li għandu xi referenza qawwija mill-internet jew li jkun influwenzat ħafna minn xi sors ieħor ma jkunx ikkonsidrat.

Ittra ta' referenza mhijiex obbligatorja.

**SESSJONI PRATTIKA:**

- L-istudenti jpinġu, jiżbgħu jew jiskolpixxu xi ħaġa tal-għażla tagħhom, f'sessjoni ta' sagħtejn, billi jużaw materjali tal-għażla tagħhom.

- L-istudenti jingħataw ukoll xi għajnuna żgħira, (xi tema u/jew oġġett) li biha, jekk iridu, jkunu jistgħu jibdew jaħdmu. Minnha huma jistgħu jipproduċu xogħol artistiku 2D jew 3D.

- L-għalliema li jmexxu s-sessjoni jassiguraw li l-istudenti ma jikkopjawx minn stampi li huma jġibu magħhom bħala riżors,i jew studju preliminari, jew xi xogħol preparatorju.

- L-istudenti għandhom iġibu magħhom il-materjal kollu meħtieġ bħal: karti, karti għal xi *collage*, imqass, kolla, żebgħa, lapsijiet, jew materjal ieħor biex joħolqu xogħol 3D. Jekk ikun hemm bżonn ta' kavallett, dan jiġi provdut.

- L-istudenti jistgħu jipproduċu aktar minn xogħol wieħed. Kwalunkwe skeċċ , disinn jew xogħol preparatorju ieħor għandu jiġi mogħti max-xogħol finali.

- Is-sessjoni tkun imħarsa tajjeb u l-proċedura tkun osservata bir-reqqa.

**Kriterji:** (**25 marka** kull waħda; **TOTAL** – 100 marka)

- **25 marka - Preżentazzjoni tal-Portafoll:** il-ħila li jitkellmu dwar xogħolhom.
- **25 marka – Kontenut tal-Portafoll:** varjetà ta' materjali, tekniki u suġġetti.
- **25 marka – L-użu ta' materjali u Tekniki:** ħiliet teknići.
- **25 marka - Kreattività u Immaġinazzjoni:** proċess kreattiv.

## Dettalj dwar kif se ssir l-għażla fiż-ŻFIN.

*Iż-Żfin jeħtieġ Prova ta' Livell li trid tkun ċara u ġenwina. L-istudenti li jagħżlu din il-forma ta' Arti jridu jipprovdu evidenza li huma għandhom il-livell meħtieġ fi gradi, minn istituzzjonijiet rikonoxxuti. Studenti li jagħtu din il-Prova ta Livell ikunu premjati.*

**REFERENZA**: Prova ta' Livell kif tidher fi tmiem dan id-dokument – TAGĦRIF MIŻJUD.

**SESSJONI PRATTIKA**: Din is-sessjoni tieħu madwar sagħtejn. (Taf tkun ftit aktar jew anqas.)

Fi gruppi, l-istudenti jiżfnu sekwenza klassika (*ballet*) flimkien, għal silta mużikali klassika. Fiha huma jingħataw istruzzjonijiet dwar x'inhu mistenni minnhom.

L-istudenti jiġu eżaminati f'dawn l-erba' oqsma:

- ***Teknika u Ħila;***
- ***Artistrija;***
- ***Mużikalità u Ritmu;***
- ***Kwalità u Koordinament tal-Moviment.***

## Dettalji dwar kif se ssir l-għażla fid-**DRAMA**.

*Id-Drama teħtieġ Prova ta' Livell li trid tkun ċara u ġenwina. L-istudenti li jagħżlu din il-forma ta' Arti jridu jipprovdu evidenza li huma għandhom il-livell meħtieġ, fi gradi, minn istituzzjonijiet rikonoxxuti. Studenti li jkollhom dawn il-kwalifiki u/jew ċertifikati jiġu premjati.*

**REFERENZA**: Prova ta' Livell kif tidher fi tmiem dan id-dokument – TAGĦRIF MIŻJUD.

**SESSJONI PRATTIKA**: Din tieħu madwar nofs siegħa. L-istudenti jirreċtaw bl-istil tagħhom, silta WAĦDA minn erba' siltiet li jidhru fi tmiem dan id-dokument – TAGĦRIF MIŻJUD. Din tista' ssir bil-Malti jew bl-Ingliż.

L-istudenti jirrepetu s-silta tal-għażla tagħhom b'istruzzjonijiet speċifiċi skont kif mogħtija mill-membri tal-Bord. Jiġu mistoqsija biex jibdlu l-versjoni narrattiva f'waħda b'diskors dirett bejn żewġ karattri u jirreċtaw permezz ta' pupazzi. Finalment, huma jridu jinterpretaw sentenza/i f'modi u/jew burdati differenti skont kif jiddeċiedi l-Bord.

## Dettalji dwar kif se ssir l-għażla fil-MIDJA.

*Il-Midja ma titlobx Prova ta' Livell, imma teħtieġ individwi b'ħiliet u b'kompetenzi differenti. L-istudenti xorta waħda jridu jagħtu prova ċara li huma interessati tassew fil-Midja u li jagħtu kas sal-iċken dettall fl-esperjenza tagħhom ta' kuljum. Studenti li jkollhom din l-attitudni lejn il-midja jiġu premjati.*

***INTERVISTA**:*
Din is-sessjoni ddum madwar 20 minuta. Il-Midja hija forma ta' arti li teħtieġ kompetenzi u ħiliet differenti. Kittieba, disinjaturi ta' kostumi u dawk grafiċi, animaturi, nies fuq il-kameras, fotografi, artisti li jħażżu sensiela ta' skizzi (*sketches*) li juri l-bdil fix-xeni ta' film jew programm televiżiv u diretturi, kollha għandhom bżonn ta' ħiliet differenti; għalhekk kollha huma wkoll importanti fid-dinja tal-Midja.

## Dettalji dwar kif se ssir l-għażla fil-**MUŻIKA**.

*Il-Mużika teħtieġ Prova ta' Livell li trid tkun ċara u ġenwina. L-istudenti li jagħżlu din il-forma ta' Arti jridu jipprovdu evidenza li huma għandhom il-livell meħtieġ, fi gradi, minn istituzzjonijiet rikonoxxuti. Studenti li jagħtu din il-prova jiġu premjati.*

**REFERENZA**: Prova ta' Livell kif tidher fi tmiem dan id-dokument – TAGĦRIF MIŻJUD.

**SESSJONI PRATTIKA**: L-istudenti jkollhom sessjoni prattika li tieħu madwar nofs siegħa u li tinkludi:

- **Prestazzjoni**: L-istudenti jdoqqu TLIET (3) biċċiet mużikali tal-għażla tagħhom. Huma jridu jġibu l-istrument mużikali, ħlief il-pjanu, *drums* jew strumenti tal-perkussjoni. L-istudenti li jagħżlu l-Vuċi jridu jippreparaw TLIET (3) kanzunetti klassiċi jew mir-repertorju tat-teatru mużikali.

- ***Sight Reading***: L-istudenti jdoqqu biċċa mużika adattata għall-istrument li jġibu magħhom u li ma jkunux raw qabel.

- ***Test tas-Smigħ***: Matul dan it-test:

    - L-istudenti jiġu mitluba biex jirrepetu ritmu li jkunu semgħu għal darbtejn minn membru tal-Bord.
    - L-istudenti jkantaw melodija qasira f'firxa ta' ottava li jkunu semgħu darbtejn.
    - L-istudenti jridu joħorġu d-differenzi bejn żewġ melodiji li jindaqqu darbtejn minn membru tal-Bord.
    - L-istudenti jisimgħu silta mużikali u jridu jikkummentaw fuq il-kwalitajiet mużikali tagħha.

- ***Mistoqsijiet fit-Teorija Mużikali.***

**Studenti li għandhom bżonn akkumpanjant iridu jipprovdu l-pjanista huma stess. Il-Bord mhuwiex responsabbli għal dan.**

# IR-RABA’ PARTI:
# REGOLAMENTI TAL-GĦAŻLA U GĦAL MIN HU ELIĠIBBLI

Dettalji li jispjegaw ir-regolamenti li jmexxu l-proċess tal-Għażla

1. **MIN HU ELIĠIBBLI** (Id-dritt li tapplika):

- L-applikazzjoni għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva hi miftuħa għall-istudenti kollha tas-Sitt Sena fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti f'Malta u Għawdex.

- Il-Ġenituri/Gwardjani Legali għandhom iqisu li biex uliedhom ikunu eliġibbli għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattivat, jeħtieġ li jkollhom ħila xierqa li jagħmlu dan u li għandhom ir-reżiljenza meħtieġa għat-tagħlim ta' dawn is-suġġetti.

- Dawk l-applikanti li m'għandhomx kompetenza xierqa fl-użu tal-lingwa Maltija u ta' dik Ingliża fil-qari, fil-kitba u fil-fehim jistgħu jsibu diffikultà fl-istudji tagħhom kif ukoll fl-eżamijiet.

2. **REGOLI TAL-GĦAŻLA** (Sistema tal-Għażla)

- Il-Ġenituri/Gwardjani Legali li japplikaw f'isem il-wild taħt il-ħarsien tagħhom, jeħtieġu li jżommu mal-appuntamenti meħtieġa (data u ħin) għall-awdizzjoni u l-intervisti.

- Il-Ġenituri/Gwardjani Legali għandhom jifhmu u jaqblu li joqogħdu għal kull deċiżjoni li tittieħed fil-proċess tal-għażla mill-Bord ikkonċernat.

- Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla hija finali.

# IL-ĦAMES PARTI:
# L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

L-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta) jirregola kif it-tagħrif personali miġbur, f'forma elettronika u miktuba, jista' jintuża. L-iskola hija mitluba timxi b'mod sew u sħiħ mal-Prinċipji tal-Ħarsien tad-Data kif imfassla fl-Att, skont ir-Regolamenti Ġenerali dwar il-Ħarsien tad-Data u SL 440.09.

- Biex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha, *l-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva*, fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, tiġbor, tipproċessa u żżomm fil-kotba tagħha informazzjoni personali sabiex jiġu osservati l-obbligi legali skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u dispożizzjonijiet oħra statutorji. Dan tagħmlu b'diskrezzjoni.

- Impjegati f'dan id-Dipartiment, li huma delegati u obbligati li jaqdu l-funzjonijiet ta' dan id-Dipartiment, għandhom aċċess għat-tagħrif li l-Ġenituri/Gwardjani Legali jagħtu.

- Xi dettalji mit-tagħrif personali jistgħu jintalbu minn dipartimenti tal-Gvern oħrajn u terzi persuni, bħal: kliniċi, sptarijiet jew speċjalisti mediċi u jsir użu minnhom jekk applikant ikollu bżonn trattament mediku. L-awtoritajiet tal-Edukazzjoni jistgħu jagħmlu użu minn din l-informazzjoni kif awtorizzat mil-liġi.

- Id-dettalji personali tal-Applikant u l-Ġenituri/Gwardjani Legali huma mandatorji għall-proċess tal-għażla u jintalbu ladarba applikant japplika biex jattendi f'din l-iskola.

- Mad-dħul tal-Applikanti fl-iskola, id-dettalji tal-Ġenituri/Gwardjani Legali jsiru kruċjali għat-tmexxija tajba u effiċjenti tal-iskola.

- Ir-rekords tal-Applikant jistgħu jinkludu wkoll ritratti. Meta jkun il-każ issir talba oħra għall-kunsens tal-Ġenituri/Gwardjani Legali.

- Il-Ġenituri/Gwardjani Legali huma fl-obbligu li jgħarrfu lill-iskola b'xi tibdil fid-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-applikant. L-informazzjoni teħtieġ li tinżamm aġġornata.

- Il-Persuni kollha li dwarhom l-iskola għandha d-dettalji, għandhom kull dritt li jkunu jafu x'informazzjoni għandha l-iskola fuqhom, kif ukoll x'tagħmel b'din l-informazzjoni.

- Talba biex taċċessa din l-informazzjoni għandha ssir bil-kitba lill-Kap tal-Iskola u għandha tkun iffirmata kif suppost mill-Ġenituri/Gwardjani Legali.

# IS-SITT PARTI:
# NOTI ĠENERALI DWAR IS-SUĠĠETTI FL-ISKOLA

L-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva tipproponi taħlita meqjusa ta' suġġetti speċjalizzati (il-ħames forom tal-Arti) u oħrajn tradizzjonali kif mitlub mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali.

Tagħrif dwar il-lezzjonijiet tas-suġġetti tas-**Seba' Sena (Form 1)** u tat-**Tmien Sena (Form 2)**.

| Qasam tat-Tagħlim | Suġġett | Lezzjonijiet ta' 40 minuta fil-ġimgħa |
|---|---|---|
| Lingwi | Malti | 5 lezzjonijiet |
| | Ingliż | 5 lezzjonijiet |
| | Lingwa Barranija | 3 lezzjonijiet |
| Matematika | Matematika | 5 lezzjonijiet |
| Xjenza u Teknoloġija | Xjenza | 4 lezzjonijiet |
| | ICT | lezzjoni 1 |
| Saħħa u Edukazzjoni Fiżika | Edukazzjoni Fiżika | 1 lezzjonijiet |
| Edukazzjoni Reliġjuża u Etika | Reliġjon/Etika | 2 lezzjonijiet |
| Umanitajiet u Edukazzjoni għad-Demokrazija | Ġeografija | lezzjoni 1 |
| | Storja | lezzjoni 1 |
| | Studji Soċjali | lezzjoni 1 |
| | PSCD | lezzjoni 1 |
| Arti Viżwali u Performattiva | Dik magħżula | 10 lezzjonijiet |
| Għażliet ibbażati fl-iskola | Arti<br>Żfin<br>Drama<br>Midja<br>Mużika | ✔ 8 lezzjonijiet/ġimgħa għall-forma ta' Arti magħżula.<br>✔ 2 lezzjonijiet/ġimgħa għall-forom ta' Arti l-oħra fuq sistema ta' rotazzjoni matul is-sena. |
| TOTAL | | 40 LEZZJONI |

Tagħrif dwar il-lezzjonijiet tas-suġġetti **mid-Disa' Sena sal-Ħdax-il Sena**.

| Qasam tat-Tagħlim | Suġġett | Lezzjonijiet ta' 40 minuta fil-ġimgħa |
|---|---|---|
| **Lingwi** | Malti | **4 lezzjonijiet** |
| | Ingliż | **5 lezzjonijiet** |
| | Lingwa Barranija | **3 lezzjonijiet** |
| **Matematika** | Matematika | **5 lezzjonijiet** |
| **Xjenza u Teknoloġija** | Xjenza Ewlenija/Fiżika Kimika/Bijoloġija | **4 lezzjonijiet** |
| | ICT | **lezzjoni 1** |
| **Saħħa u Edukazzjoni Fiżika** | Edukazzjoni Fiżika | **lezzjoni 1** |
| | PSCD | **lezzjoni 1** |
| **Edukazzjoni Reliġjuża u Etika** | Reliġjon/Etika | **lezzjoni 1** |
| **Umanitajiet u Edukazzjoni għad-Demokrazija** | Umanitajiet | **lezzjoni 3** |
| **Arti Viżwali u Performattiva** | Suġġett tal-Għażla:<br>Arti Żfin Drama Midja Mużika | **8 lezzjonijiet** |
| **Għażliet ibbażati fl-iskola** | Suġġett wieħed minn Blokka waħda:<br>Blokk A – Forom tal-Arti<br>Blokk B – Xjenza<br>Blokk Ċ – Suġġetti Tekniċi<br>Blokk D - Umanitajiet | **4 lezzjonijiet** |
| **TOTAL** | | **40 LEZZJONI** |

# Is-Seba' Parti:
## TAGĦRIF IEĦOR

Dan hu tagħrif għal min se jagħżel id-DRAMA, il-MUŻIKA u ż-ŻFIN.

**NIŻŻEL 'L ISFEL U AQRA SEW**

Niżżel u printja.  Imla l-parti skont l-għażla li tagħmel u ġibha miegħek dakinhar tal-intervista/awdizzjoni.

*Uffiċċju tal-Prinċipal,*
*Kulleġġ San Tumas More,*
*c/o Skola Sekondarja Santa Luċija,*
*Triq il-Kaħwiela,*
*Santa Luċija. SLC1831*

*Attenzjoni: Ms Jeanette De Bono*
*Contact No: 25986000/*
*25986039*

*Imejl:  stthomasmore.college@ilearn.edu.mt*

## TAGĦRIF GĦAL MIN JAGĦŻEL ID-DRAMA

### Aqra sew, printja, imla skont il-ħtieġa u poġġi fil-Portafoll:

**REFERENZA:**

**Skola tad-Drama**: Ismijiet u indirizzi ta' skejjel tad-Drama liċenzjati u akkreditati, dati u ħin fil-ġimgħa li attendejt. Ibda mill-aktar riċenti.

| Isem u indirizz tal-iskola tad-Drama | Dati tal-Attendenza | Sigħat fil-ġimgħa |
|---|---|---|
| ___________________________ | __________ | __________ |
| ___________________________ | __________ | __________ |
| ___________________________ | __________ | __________ |
| ___________________________ | __________ | __________ |

**PORTAFOLL:**

**Taħriġ s'issa**: Lista ta' taħriġ fid-DRAMA minn meta bdejt s'issa. Jekk jogħġbok ehmeż riżultati, rapporti jew ċertifikati li għandek. Ritratti ta' produzzjonijiet li ħadt sehem fihom jgħinu ħafna.

| Studju | IVA | LE | L-aktar eżami riċenti. | Bord li eżamina, livell, data u riżultat |
|---|---|---|---|---|
| Prestazzjoni fi grupp | ___ | ___ | ______________________ | ____________ |
| Prestazzjoni Solo | ___ | ___ | ______________________ | ____________ |
| Teatru Mużikali | ___ | ___ | ______________________ | ____________ |
| Karattru | ___ | ___ | ______________________ | ____________ |
| Oħrajn (Speċifika) | ___ | ___ | ______________________ | ____________ |

## TAGĦRIF GĦAL MIN JAGĦŻEL ID-DRAMA

**Agħżel WAĦDA minn dawn is-siltiet u preparaha għall-awdizzjoni.**

| Malti |
|---|
| **SKAR**<br>Qatt ma ħsibt li l-*hyenas* jistgħu jkunu daqstant utli! Kelli bżonn nikkonvinċihom. Imma l-kburija tappella għal kulħadd. Għedtilhom biex ikunu lesti jieħdu opportunità ta' darba, li jħaddnu ż-żmien ġdid li se jżernaq. Ma fehmux x'kien mistenni minnhom, imma kienu lesti jimxu warajja. Sirt l-għalliem u l-kap tagħhom. Kellhom ħeġġa kbira u elf mistoqsija. Irbaħthom meta semmejtilhom li se jmut ir-Re, u huma kienu se jiktbu u jitniżżlu fl-Istorja.<br><br>**URSULA**<br>B'xorti tajba jien kapaċi nagħmel il-maġija. Nużaha biex ngħin lil min hu fil-bżonn, lil min iħossu waħdu u jgħix ħajja nieqsa minn kollox u mimlija uġigħ. Per eżempju, l-aħħar darba ltqajt ma' tfajla tixtieq tirqaq, u ġuvni jfittex tfajla. Bi ftit maġija laqqajthom u nġibdu lejn xulxin. Veru li ġieli kien hemm każi fejn kelli nkun iebsa ma' min ma jħallasx. U forsi ġieli smajt min gerger kontrija wkoll. Imma fil-biċċa l-kbira min jafni jagħmilni qaddisa!<br><br>**BELLE**<br>Twelidt f'belt żgħira, kwieta u minsija, mimlija b'karattri komuni. Kuljum, kulħadd jisbaħ bi tbissima u tislima: *Bonjour*! Kważi kuljum filgħodu mmur sal-ħanut tal-kotba. Inħobb naqra! Mat-triq dejjem niltaqa' mal-furnar iġorr il-ħobż, xi nies iseksku fuq laħħar ġrajjiet, il-bidwi ġej bil-ħaxix mill-għelieqi biex ibigħu, u l-ħajjat jiftaħ il-ħanut biex jibda l-jum tax-xogħol. Li hemm komuni hu, li kulħadd jitbissem u jsellem: *Bonjour*!<br><br>**ALADDIN**<br>Ħabib, ma nafx tifhimnix. M'għandix ħajja faċli. Biex ngħix irrid niekol, u biex niekol irrid nisraq. Ħajti ngħixha fuq xifer l-irdum, kważi bil-ponta ta' sejf imdendla fuqi. Nisraq, meta nkun fil-bżonn. L-inkwiet, daqqa nfittxu, daqqa jiġri warajja. Għedewwa għandi ħafna, ħbieb ħadd ħlief Abu x-xadina. Ħafna jgħiduli li missejt il-qiegħ, oħrajn jgħajruni ġurdien u ħalliel. Li t-tort jippruvaw jitfgħuh fuq kif rabbewni l-ġenituri ma tagħmilx sens! Ġenituri m'għandix! |

## TAGĦRIF GĦAL MIN JAGĦŻEL IL-MUŻIKA

### Aqra sew, printja u imla skont il-bżonn:

**REFERENZA:**

**Taħriġ s'issa**: Lista ta' taħriġ fil-MUŻIKA minn meta bdejt s'issa. Jekk jogħġbok ehmeż riżultati, rapporti jew ċertifikati li għandek. Ritratti ta' xi produzzjoni li ħadt sehem fiha jgħinu ħafna.

**L-istudenti jeħtieġ li jkollhom minimu ta' grad 2 b'*distinction* kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika. Madankollu studenti li għandhom inqas jiġu kkonsidrati wkoll. L-istudenti għandhom jipprovdu ittra/i ta' referenza ffirmata/i mill-għalliem/a tal-Mużika u portafoll.**

| Studju | Strument/Vuċi | L-aktar eżami riċenti | Bord li eżamina, livell, data u riżultat |
|---|---|---|---|
| Strument 1 | __________ | ______________________________ | _________________________ |
| Strument 2 | __________ | ______________________________ | _________________________ |
| Vuċi | ________ | ______________________________ | _________________________ |
| Teorija tal-Mużika | IVA LE | ______________________________ | _________________________ |

## TAGĦRIF GĦAL MIN JAGĦŻEL IŻ-ŻFIN

### Aqra sew, printja u imla skont il-bżonn:

**REFERENZA:**

**Skola taż-Żfin**: L-isem u l-indirizz tal-iskola/iskejjel taż-żfin, għalliem/a, dati u sigħat ta' taħriġ fil-ġimgħa. Ibda mill-għalliem/a t'issa.

| Isem taż-Żfin | Għalliem/a u l-isem tal-Iskola taż-Żfin | Dati meta attendejt | Sigħat fil-ġimgħa |
|---|---|---|---|
| ____________ | __________________________________ | ____________ | __________ |
| ____________ | __________________________________ | ____________ | __________ |
| ____________ | __________________________________ | ____________ | __________ |
| ____________ | __________________________________ | ____________ | __________ |
| ____________ | __________________________________ | ____________ | __________ |

**PORTAFOLL**:

**Taħriġ s'issa**: Lista ta' taħriġ fiż-Żfin minn meta bdejt s'issa. Jekk jogħġbok ehmeż riżultati, rapporti jew ċertifikati li għandek. Ritratti ta' produzzjonijiet li ħadt sehem fihom jgħinu ħafna.

| Studju | Iva | Le | L-aktar eżami riċenti | Bord li eżamina, livell, data u riżultat |
|---|---|---|---|---|
| Ballet Klassiku | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |
| Żfin kontemporanju | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |
| Modern/ Jazz | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |
| Karattru | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |
| *Pointe* | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |
| Oħrajn *(Speċifika)* | ___ | ___ | _________________________ | ______________________ |

**Ritratti mitluba**: L-applikanti għandhom ipoġġu dawn ir-ritratti fil-Portafoll tagħhom. Dawn ir-ritratti m'għandhomx ikunu akbar minn 10ċm X 13-il ċm. L-applikanti għandhom ikunu bil-ħwejjeġ tat-taħriġ f'dawn il-pożizzjonijiet:

1) **Demi plié** fl-ewwel pożizzjoni, bid-dirgħajn fit-tieni;
2) **Tendu devant effаce** (pożizzjoni miftuħa), bid-dirgħajn fit-tieni;
3) **First arabesque, en l'air** (tħares fil-ġenb).

Ta' min jinnota li l-bniet huma mistennija li jilbsu *leotard* mingħajr dublett u x-xagħar irid ikun preżentat f'qagħqa pulita u f'postha.

Is-subien huma mistennija li jilbsu *leotard* jew flokk (*T-Shirt*) issikkat u *tights*.

TAGĦRIF GĦAL MIN JAGĦŻEL L-ARTI VIŻWALI

## Aqra sew:

Din l-informazzjoni għandha titniżżel mill-Għalliem/a tal-Arti fuq wara ta' kull waħda mill-GĦAXAR (10) xogħlijiet artistiċi li għandhom jiġu preżentati fil-Portafoll.

Isem tal-għalliem/a: ____________________________________________________________

Numru tal-karta tal-Identità: _____________________________________________________

Numru tal-mowbajl: ____________________________________________________________

Indirizz elettroniku: ____________________________________________________________

Numru tal-*Warrant*: ____________________________________________________________